MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 679/2010

**GO PLC (C-22334)**
**Vs**
**Oliver Gatt (K.I. 347175M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tliet mija, hamsa u tletin ewro u tmenin centezmu (€335.80) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici ghal servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru numru 40090929 skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont dokumenti IZY1 u IZY 2 annessi mat-talba.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax r-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fit-22 ta' Novembru, 2010 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young. u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------